MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2010

Ittra Numru. 37/2009

**Fl-atti tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Jannar 2009 ai termini tal-artiklu 466 tal-kap 12 fl-ismijiet:**

**Tabib Principali tal-Gvern**

**Vs**

**Danijela Pertrovic ID 32355(A)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih, Danijela Pertrovic, wara li ppremettiet illi topponi ghall-hlas tas-servigi prestati billi t-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2149 tal-Kap 16.

Illi wkoll minghajr pregudizzju l-ammont pretiz m'huwiex dovut stante li l-kura moghtija kienet dwar hlas ta' tqala minn missier Malti.

Talbet umilment li din l-Onorabbli Qorti tichad it-talba kontenjenti fl-ittra ufficjali tas-16 ta' Jannar 2009 stante li hija nfondata.

Rat l-imsemmija ittra ufficjali u dikjarazzjoni guramentata a fol 2 u fol 3 tal-istess atti.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fit-3 ta' Frar 2009 a fol 4 ibid.

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 8 u fol 9 ibid) u li biha espona bir-rispett:

Illi preliminarjament, permezz ta' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili fl-ismijiet premessi, ir-rikorrenti giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont pretiz mit-Tabib Principali tal-Gvern ta' hames mija u tnax-il ewro u sitta u erbghin centezmu ewro (€512.46) dovuta lilu ghal kura mghotija lil Pertrovic Danijela meta din iddahhlet l-isptar San Luqa fl-4 ta' Jannar 2006.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccezzjoni sollevata mir-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Illi l-Artikolu 2149 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) citat mir-rikorrenti mhux applikabbli ghall-kaz odjern u dan peress illi l-kaz odjern ma jirrigwardax l-azzjonijiet illi jaqghu taht dak l-artikolu izda jikkoncernaw ammont dovut ghal kura medika u servizz ta' sahha moghtija lir-rikorrent.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespsot, it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta illi l-ammont m'huwiex dovut stante li kura moghtija kienet waqt il-hlas u li missier it-tarbija huwa cittadin Malti, hija nfondata stante li kura li nghatat lir-rikorrenti u mhux lit-tarbija. Illi ir-rikorrenti u missier it-tarbija mhumiex mizzewgin u ghaldaqstant ir-rikorrenti m'hijiex intitolata ghal kura b'xejn u dana kif provdut fl-Avviz Legali 201 ta' 2004.

Talab umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti filwaqt li tikkonferma illi s-somma ta'

hames mija u tnax-il ewro u sitta u erbghin centezmu ewro (€512.46) dovuta lit-Tabib Principali tal-Gvern ghal kura u servigi bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficjali datat 16 ta' Jannar 2009.

Rat l-atti kollha tal-kaz b'mod specjali dak risultanti a fol 15 u fol 18 ibid.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-ewwel (1) premessa fir-rikors promotur ossija l-preskrizzjoni ta' dan mitlub fl-imsemmija ittra ufficjali mill-intimat u dan a bazi tal-artikolu 2149 tal-Kodici Civili, gie specifikat illi, filfatt, hawnhekk jrid jigi appplikat l-artikolu 2149 subinciz (b) li jghid illi l-azzjonijiet ta' tobba, kirurgi, ostetrici u spizjara ghall-vizti jew operazzjonijiet li jaghmlu jew ghall-medicini li jfornu huma preskritti bit-trapass ta' sentejn.

Illi l-kaz in desamina jirreferi ghall-hlas ta' €512.46 "… dovuta .. ghall-kura u servigi moghtija lilha fl-Isptar San Luqa fl-4 ta' Jannar 2006".

Illi, certament, dan il-kaz bl-ebda mod ma jista' jinkwadra ruhu fl-artikolu 2149(b) citat u ghalhekk l-istess Qorti ma tistax tara kif, f'dan il-kaz, it-talba kif maghmula fl-imsemmija ittra ufficjali tista', b'xi mod tigi dikjarata preskritta u dan ghas-semplici raguni illi l-artikolu citat ma hux applikabbli ghal dan il-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti tichad il-premessa in esami u Tordna li dan il-kaz jitkompla billi tigi deciza t-tieni premessa kif risultanti mill-istess rikors.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------